MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 9/2012

**Union of Water Services Corporation Professionals**

**vs**

**Water Services Corporation**

Il-Qorti

Rat li fil-5 ta' Marzu 2012 **it-Tribunal Industrijali ppronunzia s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi dwar in-nuqqas tal-Korporazzjoni li tqis li Adin Bundic li jokkupa posizzjoni ta' Senior Engineer skond il-Ftehim Kollettiv, li thallsu l-arretrati dovuti u li tirregolarizza l-posizzjoni tieghu**:-

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 6 ta' Novembru 2009 mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr Ian Spiteri Bailey li bghat din l-ittra ghan-

nom ta’ Union of Water Services Corproation Professionals li tirrapprezenta lil Adin Bundic fejn gie mitlub sabiex l-istess Adin Bundic ghandu b’effett mid-data tal-istess ftehim jkun meqjus illi jokkupa l-kariga u l-posizzjoni ta’ Year 10, Level 5, fil-post ta’ Senior Engineer skond l-Appendici 11 ta’ l-istess Ftehim Kollettiv u konsegwentement tordna lill-Korporazzjoni sabiex thallas lill-imsemmi Adin Dundic l-attretrati talvolta dovuti lilu filwaqt illi tirregolarizza l-posizzjoni tieghu ghall-futur u dan taht kull provvediment li t-Tribunal jidhirlu xieraq u oppotun.

Adin Bundic maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey u ghall-Korporazzjoni tal-ilma deher Manwel Galea HR Manager assistit minn Dr Peter Fenech.

Dikjarazzjonijiet tal-Kaz:-

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-Korporazzjoni tal-ilma u b’effett mid-data tal-istess ftehim kellu jkun meqjus illi huwa jokkupa l-kariga u l-posizzjoni ta’ Year 10, Level 5 fil-post ta’ Senior Engineer skond l-Appendici 11 ta’ l-istess Ftehim Kollettiv u konsegwentement din il-Korporazzjoni kellha thallas lill-imsemmi Adin Bundic l-arretrati talvolata dovuti u tiregolarizza l-posizzjoni tieghu ghall-futur.

Il-Korporazzjoni tal-ilma fl-istqarrija taghha qalet li t-talba giet intavolata fuori termine u li l-arretrati huma preskritti apparti dikjarazzjonijiet ohra.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Emanuel Galea HR Manager fejn spjega li s-Sur Bundic dahal jahdem fl-10 ta’ April 2004 fil-kariga ta’ architect u civil engineer u ppretenda li jigi assimilat fil-karigi tal-Ftehim Kollettiv.  Minkejja diversi ittri l-Korporazzjoni ghamlet il-posizzjoni taghha cara u ghalkemm kien hemm xi kambju ta’ korrispondenza xorta il-Korporazzjoni kienet ghamlet il-posizzjoni taghha cara.

Xehed: Dr Neville Young li huwa s-segretarju tal-Union fejn qal li kien hemm xi inkontri fuq il-kas tas-Sur Bundic iddikjara u illi qatt ma rcieva xi korrispondenza li l-kaz kien inghalaq. Ix-xhud spjega li jaf bl-ittra tas-27 ta' April 2009. Ix-xhud spjega li kien hemm tlett laqghat mas-CEO dwar il-kas tas-Sur Bundic.

Xehed Marc Muscat is-CEO tal-Korporazzjoni tal-ilma fejn stqarr illi jiftakar illi ma kienx hemm meetings formali imma seta' kien hemm meetings informali dwar il-kas tas-Sur Bundic u ghalih dan ma jfissirx li hemm dispute u ghalih id-dispute tas-Sur Bundic kienet maghluqa.

Xehed Stefan Riolo li huwa l-President ta' l-Union fejn qal illi kien hemm meetings informali mac-CEO.

KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ser jillimita d-decizjoni tieghu fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni tal-ilma stante li hija l-ewwel eccezzjoni u tista' tistrada l-kaz.

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li aspett importanti ta' dan il-kaz hija l-gurnata ta' meta gie iffirmat il-ftehim kollettiv li hija l-gurnata 31/1/2008. Dan il-fatt mhux kontradett minn hadd anzi hemm qbil fuq din id-data. Jidher ukoll illi kien hemm xi skambju ta' ittri bejn il-partijiet pero' il-kwistjoni giet iccarata fl-ittra tas-27 ta' April 2009 fejn gie spjegat illi "it-talba tas-Sur Bundic ma gietx milquha".

Illi jidher illi kien hemm diversi tentattivi u laqghat informali sabiex il-posizzjoni tigi irriversjata pero il-Korporazzjoni zamm ferm mad-decizzjoni tieghu u din il-verzjoni it-Tribunal qed jaccetta.

Jidher car illi r-rikors ghal din it-talba giet intavolata fis-6 ta' Novembru 2009, jigifieri ferm lill-hinn minn erba' (4)

xhur li giet stabbilita li s-Sur Bundic gie infurmat mid-decizzjoni tal-Korporazzjoni. Jidher illi s-Sur Bundic kiteb ukoll lill-HR Manager tal-WSC fit-18 ta’ Marzu 2009 fejn talab li d-decizzjoni tkun bil-miktub.

It-Tribunal rinfaccat b’dawn il-fatti ma ghandux triq ohra hlief li jiddeciedi illi jaghmel referenza ghall-artiklu 75 paragrafu tlieta (3) tal-Kap 452 fejn jobbliga lir-rikorrenti illi ghandu bilfors fiz-zmien mhux aktar tard minn erba’ (4) xhur mid-data effettiva tal-allegat ksur li jipprezenta l-kas tieghu quddiem it-Tribunal.

Decizzjoni

It-Tribunal Industrijal wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema’ u evalwa x-xheida prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-nota tas-sottomissjonijiet tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni tal-Ilma dik li t-talba giet imressqa fuori termine ai termini tal-artiklu 75 sub inciz tal-Kap 452 u b’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjez jigu sopportati mill-Union of Water Services Corporation Professionals.

Ghall-finijiet a’ l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euro 93.17).

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Rat **ir-rikors ta’ Appell tar-rikorrenti appellanti Union of Water Services Corporation Professionals** fejn gie sottomess:-

Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali li nghatat fl-ismijiet premessi fil-5 ta’ Marzu 2012, liema decizjoni ggib in-numru 2131 u li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A..

Illi hekk kif spjegat fir-rikors promotur imressaq quddiem it-Tribunal Industrijali mill-appellanti fis-6 ta’ Novembru 2009, il-kawza odjerna tittratta mpjegat mal-korporazzjoni appellata bl-isem Adin Bundic, liema mpjegat kien gie ngaggat fis-settur pubbliku fi Frar 1993, u eventwalment trasferit ghall-impieg mal-korporazzjoni appellata f’Jannar 2004. Fil-31 ta’ Jannar 2008 kien gie ffirmat Ftehim Kollettiv bejn il-korporazzjoni appellata u l-Union appellanti. Ai termini tal-klawsola numru tmienja u erbghin (48) tal-istess ftehim il-Union appellanti sostniet illi Adin Bundic kellu jokkupa l-posizzjoni ta’ ‘*Year 10 Level 5 fil-post ta’ Senior Engineer*’, u dan skond l-Appendici II tal-ftehim hawn indikat. Din il-pretensjoni giet avvanzata formalment lill-korporazzjoni appellata permezz ta’ ittra legali datata s-16 ta’ April 2009. Permezz ta’ risposta datata s-27 ta’ April 2009 l-imsemmija korporazzjoni appellata cahdet il-pretensjoni tal-appellanti. Il-Union appellanti ipprovat tasal ghal akkordju mal-Management tal-Korporazzjoni izda meta dawn it-trattattivi fallew, sussegwentement kellha tirrekorri ghall-gudizzju tat-Tribunal Industrijali fejn talbet illi Adin Bundic jigi meqjus illi huwa jokkupa l-kariga hawn imsemmija, u konsegwentement tigi regolarizzata l-posizzjoni tal-istess Bundic illi ghandu jithallas dawk l-arretrati lilu dovuti.

Fir-risposta illi ressqet il-korporazzjoni appellata quddiem it-Tribunal Industrijali, l-istess korporazzjoni, fost l-eccezzjonijiet illi ghamlet, eccepiet b’mod preliminari illi t-talba mressqa mill-Union appellanti hija *fuori termine* ai termini tal-Artikolu 75(2) u 75(3) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema provvediment jistipula perjodu ta’ erba’ xhur sabiex jitressqu lmenti regolati mill-Ewwel Titolu tal-imsemmi Kap.452.

Permezz tas-sentenza hawn fuq indikata (Dok. A) it-Tribunal Industrijali laqghet l-ewwel eccezzjoni eccepita mill-korporazzjoni appellata hekk kif hawn premess, u ddikjarat illi t-talba da parti tal-Union appellanti giet imressqa *fuori termine* ai termini tal-Artikolu 75(3) fuq imsemmi.

Illi l-Union appellanti thoss ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghaldaqstant qieghda tinterponi appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji sofferti mill-Union appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal kien manifestament zbaljat fil-kunsiderazzjoni tieghu tal-kwistjoni odjerna billi biex wasal ghad-decizjoni hawn indikata, dan ikkunsidra biss il-fatt illi l-ittra li kien ircieva Adin Bundic fejn giet imcahda l-pretensjoni tieghu kienet datata s-27 ta' April 2009, filwaqt illi l-kawza giet intavolata mill-appellanti fis-6 ta' Novembru 2009, u ghaldaqstant kien skada t-terminu stipulat fil-fuq imsemmi Artikolu 75.

It-Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni tal-fatt, *ben pruvat* quddiem l-istess Tribunal, illi minkejja illi l-ircevuta tal-ittra kienet fid-data hawn imsemmija, <u>wara l-istess data sehhew diversi trattattivi u diskussjonijiet bejn il-Union mittenti in rappresentanza tal-impjegat de quo membru taghha u l-korporazzjoni appellata precizament fir-rigward ta' din il-kwistjoni</u>. A kuntrarju ta' dak allegat mill-korporazzjoni appellata, l-kwistjoni tas-Sur Bundic ma kienet bl-ebda mod maghluqa u hekk fil-fatt, il-Union appellanti esebiet permezz ta' nota pprezentata fil-11 ta' Jannar 2012, kopji mill-kalendarju ta' Stefan Riolo (President tal-Union) illi juru b'mod car illi sa Awwissu 2009 kienu ghadhom ghaddejjin tali laqghat. It-Tribunal Industrijali stess fid-decizjoni tieghu, jaghmel referenza u propju jirrikonoxxi l-fatt illi skond ix-xhieda kemm ta' Dr. Neville Young (Segretarju tal-Union), ta' Marc Muscat (CEO tal-WSC) u tal-fuq imsemmi Stefan Riolo, kienu fil-fatt saru dawn il-laqghat informali dwar il-kaz ta' Adin Bundic.

Ghandha f'dan ir-rigward ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Grezzju Azzopardi vs. Public Broadcasting Services Limited* (deciza fit-28 ta' Jannar 2008)[1], liema sentenza wkoll giet ezebita fl-atti

[1] Appell Civili Numru 21/2007

quddiem it-Tribunal Industrijali permezz tan-nota hawn imsemmija. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz hawn citat hassret u rrevokat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, fejn kienet intlaqghet l-eccezzjoni preliminari mressqa mis-socjeta' konvenuta propju dwar id-dekadenza ta' erba' xhur in kwistjoni fl-appell odjern.

Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat il-fatt illi fil-kaz hawn indikat kienet okkorriet  diskussjoni bejn il-partijiet, liema diskussjoni '*hadet il-forma ta' laqgha ta' konciljazzjoni li l-ezitu taghha kien wiehed negattiv*'. Il-Qorti ghamlet referenza ghall-Kodici ta' Procedura Civili Taljan u sahansitra sostniet illi '*kien biss fl-eghluq tal-fazi konciljatorja illi l-appellanti seta' ragonevolment u legittimament jipproponi t-talba gudizzjali tieghu*'.

Il-kawza odjerna propju tittratta l-fuq imsemmija cirkostanzi. Id-diskussjonijiet dwar il-kaz tas-Sur Bundic sehhew wara illi dan kien ircieva l-ittra minghand il-korporazzjoni appellata f'April 2009 u dawn baqghu ghaddejjin sa mill-inqas Awwissu 2009. Jidher ghalhekk b'mod car illi t-Tribunal kien zbaljat meta ddecieda illi din il-kawza giet intavolata *fuori termine*, ghaliex hekk kif ikkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, kien biss wara illi ghalqet din il-'fazi konciljatorja' illi l-Union appellanti setghet tressaq it-talba taghha.

Forsi kienet tkun storja ohra kieku l-azzjoni odjerna tressqet quddiem it-Tribunal mill-impjegat Adin Bundic personali – imma dan il-kaz tressaq appuntu mill-Union rappresentattiva tieghu. Fil-fatt kien skorrett it-Tribunal fl-ewwel istanza, u forsi effettwat hazin lill-istess  fid-decizjoni tieghu – meta is-sentenza tghid illi *Adin Bundic maghruf bhala l-appellant kien assistit minn ……* - ghax in effetti Adin Bundic huwa forsi s-suggett tal-kawza imma mhux parti fil-kawza.

It-tieni aggravju tal-appellanti jikkoncerna l-fatt illi l-appellanti ressqet quddiem it-Tribunal talba sabiex Adin Bundic ikun ittrattat, ai termini tal-Ftehim Kollettiv hawn imsemmi, bhal kull impjegat iehor fil-posizzjoni illi huwa

kien jinsab fiha. Fir-rigward ta’ talba ta’ din in-natura – u cioe’ ta’ natura diskriminatorja – anke minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn espost fl-ewwel aggravju, it-Tribunal kien zbaljat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 75(3) tal-Kap. 452 illi jistipula illi t-talba ghandha ssir ‘*mhux aktar tard minn erba’ xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat*’, u dan minhabba illi f’kaz ta’ diskriminazzjoni ma jistax jitqies illi sar effettivament ksur tad-dritt tal-impjegat ikkoncernat biss f’gurnata partikolari.

Hekk kif ikkummentat il-Qorti tal-Appell fil-fuq imsemmija sentenza, qaghda ta’ diskriminazzjoni ghandha ‘*kontenut ta’ indoli kontinwattiva sa kemm tibqa’ tipperdura dik id-diskriminazzjoni u allura ma tistax ikollha rabta ma’ xi zmien partikolari ta’ ksur*’. Minhabba f’hekk il-Qorti kompliet tispjega illi, ‘*din l-istess qaghda hija ben distinta minn dik prospettata taht l-Artikolu 75 tal-Att...*’. L-istess Qorti taghmel ukoll referenza ghal kazistika tal-Qrati Inglizi sabiex tissostanzja l-argument taghha illi, ‘*f’materja ta’ ksur bhal dan illi minn natura stess tieghu ma jistax jigi alleccjat ma’ xi data effettiva...tali ksur ma jistax hlief jitqies wiehed li...huwa ‘*a continuing act’.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell hawn fuq esposti, huma precizament applikabbli ghall-kawza odjerna, u ghaldaqstant jidher b’mod mill-aktar car illi t-Tribunal kien manifestament zbaljat fid-decizjoni tieghu fl-ismijiet hawn premessi, meta l-istess Tribunal applika l-Artikolu fuq imsemmi ghat-talba mressqa mill-Union appellanti.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Union appellanti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-provi kollha gia prodotti u filwaqt li rrizervat id-dritt illi tipproduci dawk il-provi permessi mil-ligi, talbet li tithassar u li tigi revokata s-sentenza appellata, li jigi dikjarat li l-kawza ma gietx proposta fuori termine u konsegwentament li l-atti kollha ta’ din il-kwestjoni tax-xoghol jigu mibghuta lura lit-Tribunal Industrijali, sabiex l-istess Tribunal jiddetermina u jiggudika dwar il-mertu tal-istess kaz.

Rat **ir-risposta ta’ appell tal-appellata Water Services Corporation** fejn gie espost:-

Illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-5 ta' Marzu 2012 hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-Union appellanti ghas-segwenti ragunijiet:-
Illi permezz ta' rikors ipprezentat fis-6 ta' Novembru 2009, l-appellanti talbet li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi illi ai termini tal-Ftehim Kollettiv tal-31 ta' Jannar 2008, Adin Bundic ghandu b'effett mid-data tal-istess ftehim ikun meqjus illi huwa jokkupa l-kariga u posizzjoni ta' Year 10, Level 5 fil-post ta' Senior Engineer skond l-Appendici II ta' l-istess Ftehim Kollettiv, u konsegwentement tordna lill-Korporazzjoni sabiex thallas lill-imsemmi Adin Bundic l-arrettrati talvolta dovuti lilu filwaqt illi tirregolarizza l-posizzjoni tieghu ghall-futur.

Illi ghat-talbiet ta' l-appellanti, l-Korporazzjoni intimata appellata eccepiet, *inter* alia, u preliminarjament li t-talba mressqa mill-Union appellanti hija *fuori termine* ai termini tal-Artikolu 75(2) u 75(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvediment jistipula perjodu ta' erba' xhur sabiex jitressqu lmenti regolati mill-Ewwel Titolu tal-imsemmi Kap. 452.

Illi permezz tad-decizjoni tal-5 ta' Marzu 2012 it-Tribunal Industrijali laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata appellata li t-talba tal-Union appellanti giet imressqa *fuori termine* ai termini tal-Arikolu 75(2) u 75(3) tal-Kap. 452.

Illi l-Union appellanti hasset ruhha aggravata bl-imsemmija decizjoni u intavolat appell minnha, liema appell huwa ibbazat fuq zewg aggravji li ser jigu trattati separatament.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jikkonsisti fl-allegazzjoni illi t-Tribunal kien manifestament zbaljat fil-kunsiderazzjoni tieghu tal-kwistjoni odjerna billi biex wasal ghad-decizjoni hawn indikata, ikkunsidra biss l-ittra tas-27 ta' April 2009, li permezz taghha l-Korporazzjoni appellata infurmat lil Adin Bundic li l-pretensjoni tieghu kienet giet michuda. L-appellanti tikkontendi li t-Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni tal-fatt li wara d-data tal-imsemmija ittra

sehhew diversi trattattivi u diskussjonijiet bejn il-Union mittenti in rappresentanza tal-impjegat Adin Bundic u l-korporazzjoni appellata fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

Illi fil-verita bhala fatt it-Tribunal ha konjizzjoni tat-tentattivi li kien hemm mill-ufficjali tal-Union appellanti sabiex jippruvaw jergghu jifthu d-diskussjonijiet sabiex il-posizzjoni tal-Korporazzjoni appellata kif ikkomunikata permezz tal-ittra tas-27 ta' April 2009 tigi irriversjata. It-Tribunal izda meta evalwa x-xhieda prodotta fuq dan il-punt, ikkonferma l-verzjoni mhux kontradetta tal-Korporazzjoni appellata, li l-istess Korporazzjoni zammet ferm mad-decizjoni taghha u ma accettat qatt li terga tiftah xi forma ta' diskussjoni dwar dan il-kaz.

Illi minkejja li l-Union appellanti qed tipprova taghti l-impressjoni li kien hemm xi process ta' laqghat konciljatorji, li matulu t-terminu ta' erba xhur, li fih kellha tagixxi, kien b'xi mod sospiz, dan ma jirrizulta minn imkien, la minn korrispondenza fuq is-suggett u lanqas mix-xhieda tal-persuni involuti kemm min-naha tal-Union appellanti kif ukoll min-naha tar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni appellata. Mill-provi jirrizulta li dawn l-allegati laqghat li ghalihom tirreferi l-Union appellanti ma kinux ghajr okkazjonijiet informali li fihom ufficjali tal-Union appellanti semmew il-kaz ta' Adin Bundic mar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni appellata, senjatament mal-Kap Ezekuttiv. Minn imkien ma jirrizulta li b'xi mod regghu nfethu d-diskussjonijiet dwar l-istess kwistjoni, anzi jirrizulta l-oppost.

Illi l-esponenti taghmel referenza ukoll ghad-dokumenti pprezentati mill-Union appellanti wara l-eghluq tal-provi permezz tan-nota taghha tal-11 ta' Jannar 2012 li juru allegati appuntamenti fid-djarji tar-rapprezentanti tal-Union fuq il-kaz ta' Adin Bundic. F'dan ir-rigward huwa umilment sottomess li dak rifless fl-istess dokumenti ma jikkonbaccax max-xhieda, fost l-ohrajn, tal-istess rapprezentant tal-Union, Dr. Neville Young, li kien iddikjara li l-Union kienet iddiskutiet is-sitwazzjoni ta' Adin Bundic mhux unikament izda matul *"laqghat mhux ufficjali"* u *"waqt diskors fuq affarijiet ohrajn"*, kif fil-fatt huwa ukoll

ikkonfermat mill-fatt li ma jirrizultax mill-minuti tal-laqghat li Adin Bundic kien is-suggett tal-laqghat imsemmija. Lanqas ma jirrizulta xi annotament dwar tali laqgha fid-djarju tal-Kap Ezekuttiv tal-Korporazzjoni appellata.

Illi l-appellanti, in sostenn ta’ dan l-ewwel aggravju taghha, ccitat s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited*, f’liema kaz il-Qorti rritjeniet li kien biss fl-eghluq tal-fazi konciljatorja illi l-appellanti f’dik il-kawza seta’ ragonevolment u legittimament jipproponi t-talba gudizzjali tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni appellata tikkontendi li l-fatti tal-kaz odjern huma differenti minn dawk tal-kaz succitat, peress li fil-kaz ta’ Adin Bundic, il-ftehim kollettiv ma kienx jitlob li Adin Bundic jew l-Union li taghha huwa membru, irid isegwi proceduri ta’ konciljazzjoni qabel jghaddi biex jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali, kif kien il-kaz fil-kaz succitat. Kif huwa ammess mill-istess Union fir-rikors promutur taghha, wara l-ittra legali tas-27 ta’ April 2009, li permezz taghha il-Korporazzjoni appellata cahdet il-pretensjonijiet tal-Union mittenti, ma kien fadal ebda triq ghajr illi l-Union tirrikorri quddiem it-Tribunal sabiex il-pendenza tigi rizolta, haga li hija m’ghamlitx *entro* t-terminu statutorju ta’ erba xhur mid-data tad-decizjoni tal-Korporazzjoni intimata appellata.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni appellata ssostni ukoll li l-posizzjoni ta’ Adin Budnic kienet cara sa mid-data li fiha gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv, u li ghaldaqstant, ma kellu l-ebda xkiel sabiex jagixxi abbazi tal-pretensjonijiet tieghu sa minn dik id-data, u jsegwi ghalhekk li d-dritt tieghu sabiex jressaq din il-kwistjoni skatta fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv.
Illi permezz tat-tieni aggravju taghha, l-appellanti tikkontendi li t-talba minnha mressqa hija wahda ta’ natura diskriminatorja, u cioe li Adin Bundic qed jitlob li ikun ittrattat, ai termini tal-Ftehim Kollettiv, bhal kull impjegat iehor fil-posizzjoni li huwa kien jinsab fiha, u bhala tali ma jistax jitqies illi sar effettivament ksur tad-dritt tal-impjegat

ikkoncernat biss f'gurnata partikolari u ghaldaqstant ma jistax jinghad li skatta t-terminu ta' erba' xhur li fih l-appellanti kellha tressaq dan il-kaz.
Illi minn imkien ma jirrizulta fir-rikors promutur li l-appellanti qieghda tilmenta minn xi agir diskriminatorju da parti tal-Korporazzjoni intimata appellata fil-konfront ta' Adin Bundic, u di piu, lanqas tressqu xi provi in sostenn ta' dan jew li b'xi mod jindikaw li l-azzjoni mressqa titratta kwistjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' Adin Bundic.
Illi ghaldaqstant il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ccitata mill-appellanti fl-ismijiet *Grezzju Azzopardi vs. Public Broadcasting Limited* m'ghandhom ebda applikazzjoni fil-kawza odjerna, u ghaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellanti ghandu ukoll jigi michud.

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal Industrijali m'ghandux jigi disturbat u l-aggravji tal-Union appellanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taggha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2012.

Rat l-atti kollha tal-kaz numru 2727/MF quddiem it-Tribunal Industrijali fl-istess ismijiet deciz fil-5 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-appell tal-Union of Water Services Corporation Professonals hu bbazat fuq żewġ aggravji. Fl-ewwel lok l-imsemmija appellanti jissottomettu li t-Tribunal kien żbaljat meta ikkunsidra biss il-fatt illi l-ittra li kien ircieva Adin Bundic, fejn giet miċħuda l-pretensjoni tieghu, ddata is-27 ta' April 2009, filwaqt illi l-kawza giet intavolata mill-appellanti fis-6 ta' Novembru 2009, u b'hekk t-Tribunal iddeċieda illi kien skada t-terminu li hu stipulat fl-Artikolu 75 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta  F'dan ir-rigward l-istess appellanti jhossu li gew aggravati peress illi t-

Tribunal naqas milli jiehu konjizzjoni tal-fatt illi minkejja illi l-ircevuta tal-ittra kienet fis-27 ta' April 2009, wara l-istess data sehhew diversi trattattivi bejn il-Union in rappresentanza tal-impjegat de quo membru taghha u l-korporazzjoni appellata dwar l-istess impjegat u dwar il-posizzjoni tieghu fi hdan il-Korporazzjonin appellata. Ghalhekk l-appellanti jsostnu li l-kawża setgħet tiġi intavalota biss wara l-egħluq ta' dawn it-trattativi u mhux entro t-terminu stipulat fl-imsmmi Kapitolu 452.

Fit-tweġibiet taghhom l-appellati jissottomettu li t-Tribunal ha konjizzjoni tat-tentattivi li kien hemm mill-ufficjali tal-Union appellanti sabiex jippruvaw jergghu jifthu d-diskussjonijiet sabiex il-posizzjoni tal-Korporazzjoni appellata kif ikkomunikata permezz tal-ittra tas-27 ta' April 2009 tigi mibdula, iżda meta evalwa x-xhieda prodotti fuq dan il-punt, it-Tribunal ikkonferma l-verzjoni mhux kontradetta tal-Korporazzjoni appellata, li l-istess Korporazzjoni zammet ferm mad-decizjoni taghha u ma accettat qatt li terga tiftaħ xi forma ta' diskussjoni dwar dan il-kaz.

Illi fir-rigward ta' dan il-punt, it-Tribunal ikkonkluda a fol 154 illi "Jidher illi kien hemm diversi tentattivi u laqgħat informali sabiex il-posizzjoni tiġi irriversjata pero il-Korporazzjoni zamm ferm mad-deċiżjoni tiegħu u din il-verżjoni it-Tribunal qiegħed jaċċetta."

Kwindi, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Union appellanti, effettivament it-Tribunal ħa konjizzjoni ta' dawn il-laqgħat informali bejn rappreżentant tal-Union of Water Services Cororation Professionals u rappresentanti tal-Water Services Corporation. Mill-evalwazzjoni tal-provi magħmula fl-ewwel grad, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni illi minkejja li kien hemm okkażżjonijiet fejn l-uffiċjali tal-Union of Water Services Corporation Professionals semmew il-każ ta' Adin Bundic mar-rappreżentanti tal-Water Services Corporation, pero' dawn kienu okkazjonijiet informali fejn il-partijiet sempliċiment semmew il-kaz ta' Adin Bundic, iżda ma jirrizultax illi b'xi mod regghu nfethu d-diskussjonijiet u fil-fatt, il-

Korporazzjoni ma biddletx il-posizzjoni tagħha fir-rigward ta' dan l-individwu.

L-imsemmi artikolu 75 jistipula li kull appell ghandu jigi ppresentat mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. It-Tribunal gustament ikkonsidra li l-imsemmi terminu, fil-kaz in ezami, kellu jibda jiddekorri minn meta l-impjegat in kwestjoni rcieva l-ittra li infurmatu li l-ilmenti tieghu kienu gew rigettati mill-Korporazzjoni appellata. Jirrizulta ampjament car li l-appell in kwestjoni lit-Tribunal Industrijali gie presentat fuori termine.

Illi fir-rigward tas-sentenza citata mill-appellanti moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Grezzju Azzopardi vs. Public Broadcasting Services Limited" deciza fit-28 ta' Jannar 2008, (kopja taghha tinsab esibita a fol 58 tal-proċess quddiem it-Tribunal Industrijali), hu minnu li l-Qorti tal-Appell irrevokat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u kienet laqghet is-sottomissjoni preliminari dwar id-dekadenza in kwestjoni ta' erba' xhur (ukoll il-mertu tal-presenti appell Il-Qorti tal-Appell fil-kawża ċitata osservat illi kienu seħħew diskussjoni bejn il-partijiet, u qalet illi  l-appellanti seta' ragonevolment jibda l-kawża tiegħu wara l-eghluq tal-fazi konciljatorja. Pero kif tajjeb gie sottomess mill-appellati l-fatti tal-kaz odjern huma differenti minn dawk tal-kaz ċitat, peress li fil-kaz odjern, il-ftehim kollettiv ma kienx jitlob li Adin Bundic jew l-Union li taghha huwa membru, iridu jsegwu proceduri ta' konciljazzjoni qabel jghaddu biex jirreferu l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali.

Għaldaqstant jinghad li hu car li l-perjodu ta' erba' xhur beda jiddekkorri mid-data tal-allegat ksur u l-appellanti ma ippruvawx u lanqas ma jirriżulta mill-atti xi trattivi li ssospendew dan il-perjodu. Inoltre, ghandu jigi nnotat, li l-liġi hi ċara u inekwivoka. Il-Union ma rrikorietx quddiem it-

Tribunal entro t-terminu statutorju ta’ erba xhur mid-data tad-decizjoni tal-Korporazzjoni intimata appellata, u għaldaqstant għandha tibqa’ fis-seħħ id-deċiżjoni tat-Tribunal.

It-tieni aggravju tal-appellanti jikkoncerna l-fatt illi huma ressqu quddiem it-Tribunal talba sabiex Adin Bundic ikun ittrattat, ai termini tal-Ftehim Kollettiv, bhal kull impjegat iehor fil-posizzjoni illi huwa kien jinsab fiha. Din it-talba hi fin-natura taghha diskriminatorja u kwindi t-Tribunal kien zbaljat meta applika l-artikolu 75(3) tal-Kap.452. F’dan ir-rigward il-Union of Water Services Corporation tissottometti korrettement li minn imkien ma jirrizulta fir-rikors promutur li l-appellanti qed jilmentaw minn xi agir diskriminatorju da parti tal-Korporazzjoni intimata appellata b’mod partikolari fil-konfront ta’ Adin Bundic, u di piu, lanqas ma tressqu xi provi in sostenn ta’ dan jew li b’xi mod jindikaw li l-azzjoni mressqa titratta kwistjoni ta’ diskriminazzjoni fil-konfront ta’ Adin Bundic.

Quddiem it-Tribunal Industrijali, il-kwistjoni kienet dejjem dwar l-interpretazzjoni tal-Ftehim Kollettiv.  Ma kien hemm ebda ilment fir-rikors promotur illi Alec Bundic kien qiegħed jisubixxi xi trattament differenzjali jew diskriminatorju fil-konfront ta’ impjegati oħra. Tant hu hekk li fl-ittra mibgħuta mill-Avvukat Ian Spiteri Bailey fis-16 ta’ April 2009 (fol.14) fejn hemm konferma li l-kwistjoni hija dwar nuqqas ta’ qbil bejn il-Union u l-Management fuq l-interpretazzjoni u l-effetti tal-klawsoli tal-Ftehim Kollettiv. In oltre, minn qari mill-ġdid tal-inkartament fil-proċess quddiem it-Tribunal Industrijali, jirriżulta illi imkien ma giet sollevata l-kwistjoni ta’ diskriminazzjoni sofferta mill-appellant. Għal din ir-raġuni, it-tieni aggravju tal-appellanti ukoll għandu jiġi miċħud.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha tiddeciedi dwar dan l-appell billi tiddikjara li l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal Industrijali m’ghandux jigi disturbat u b’hekk l-aggravji sollevati mill-Union appellanti qed jigu michuda. Tikkonferma in toto is-sentenza tat-Tribunal Industrijali.

Spejjez kollha kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------